



Brussell, 10 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8743/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0069(COD)

CODEC 996
PECHE 213

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-22 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Mejju 2018².
3. Fis-26 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 7454/18.

² ĠU C 283, 10.8.2018, p. 95.

³ 7721/19.

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 21/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
